Stampa u Informazzjoni

**Komunikat Stampa Nru 88/06**

9 ta' Ottubru 2006


* * *

# VASSILIOS SKOURIS RIELETT PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara t-tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja[1], Vassilios Skouris, President ta' l-istituzzjoni mis-7 ta' Ottubru 2003, ġie kkonfermat fil-kariga tiegħu ta' President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu mid-9 ta' Ottubru 2006 sas-6 ta' Ottubru 2009.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja: "minnufih wara s-sostituzzjoni parzjali prevista mill-Artikoli 223 tat-Trattat KE u 139 tat-Trattat KEEA, l-Imħallfin għandhom jeleġġu wieħed minn fosthom bħala l-President tal-Qorti għal terminu ta' tliet snin."

## M. Vassilios Skouris

Imwieled fl-1948; gradwat fil-liġi mill-Freien Universität ta' Berlin (1970); irċieva d-dottorat fid-dritt kostituzzjonali u amministrattiv fl-Università ta' Amburgu (1973); Assistent Professur fl-Università ta' Amburgu (1972-77); Professur tal-Liġi Pubblika fl-Università ta' Bielefeld (1978); Professur tad-Dritt Pubblika fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru ta' l-Affarijiet Interni (1989 u 1996); Membru tal-Bord Amministrattiv fl-Università ta' Kreta (1983-87); Direttur taċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew, Tessaloniki (mil-1997); President ta' l-Assoċjazzjoni Griega għad-Dritt Ewropew (1992-94); Membru tal-Kumitat tar-Riċerka Nazzjonali Griega (1993-95); Membru tal-Kumitat Superjuri għas-selezzjoni ta' l-uffiċjali pubbliċi Griegi (1994-96); Membru tal-Kunsill Xjentifiku ta' l-Akkademja tad-Dritt Ewropej fi Trier (mill-1995); Membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kulleġġ Nazzjonali Grieg tal-Maġistratura (1995-96); Membru tal-Kumitat Xjentifiku tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (1997-99); President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.

---

[1] Ara l-Komunikat Stampa 87/06 tas-6 ta' Ottubru 2006

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*

*Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731*